MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2006

Numru. 776/2005

**Pulizija**
**Sp Ramon Mercieca**
**vs**
**Ashley Laus**

**Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet maghmula kontra Ashley Laus ta' 21 sena iben Vince u Lilly nee Mifsud mwieled Pieta fit-3 ta' Jannar 1984 u residenti No 6 Stone Lodge Triq ic-Cipru Naxxar, ID 45284(M).**

**Akkuzat talli matul ix-xahar ta' Lulju u l-ewwel gimgha ta' Awissu 2005 minn gewwa n-Naxxar b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u jkunu gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda u cioe kkommetta serq ta' diversi fliexken tax-xorb minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' 'Arnold's Supermarked' ghad-dannu ta' l-istess sid, liema serq huwa meqjus bhala serq semplici li ma jaqbizx il-mitt**

**lira Maltin (LM100) u dan bi skur tal-artikolu 18, 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi u/jew fil-grantet ta' wara dawn id-dati, f'dawn il-Gzejjer xjentemant xtara jew laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, liema oggetti kienu gejjin minn serq semplici li l-valur taghhom ma jeccedix il-mitt Lira Maltin (LM100) u dan bi skur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali, il-kunsens ta' l-imputat biex dawn il-proceduri jkunu sommarji, il-fedina penali tieghu, l-istqarrija maghmula minnu fl-4 ta' Awissu 2005, id-dokumenti kollha presentati.**

**Semghet lill-imputat jghid li hu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh.**

**Ikkunsidrat**

**Li stante din l-ammissjoni, dawn l-imputazzjonijiet kienu ppruvati skond il-ligi.**

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 284, 285 u 334 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh.**

**Rigward il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra l-fedina penali nadifa ta' l-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, u l-fatt li qed ihallas ghal kull oggett li seraq. Ghalhekk waqt li qed issibu hati qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sentejn millum. Il-Qorti spjegat lill-imputat l-artikolu 22 tal-Kap 446.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------